# Id-dinja r-roża f'Malta ta' l-2007

**Nhar il-Ġimgħa fil-Belt kien hemm il-parata tradizzjonali organizzata mill-komunità gay. Minkejja l-ftuħ li kien hawn fl-aħħar snin il-bidla miexja bil-mod wisq għal din il-komunità li fostha tgħodd Membri Parlamentari, MEPs, artisti, kantanti u personalitajiet.**
**KURT SANSONE jirrapporta**




**Mingħand xi wħud għadek tismagħha l-frażi mlissna baxx baxx, "dak hekk, ta'!", biex qishom iwissuk li l-persuna li qed jirreferu għaliha hi gay.**

Minkejja l-progress li sar tul dawn l-aħħar 30 sena minn mindu Gvern Laburista fl-1973 neħħa s-sodomija minn reat kriminali, xorta għad hawn stigma soċjali fuq persuni omosesswali.

Fuq livell popolari l-omosesswalità hi iktar fid-deher fuq it-televiżjoni Malti. Rajna wħud mis-soap operas idaħħlu karattri gay fl-iskripts tagħhom u f'ħafna programmi ta' filgħodu u wara nofsinhar għandek issib ħafna esperti tal-moda, tax-xagħar jew tat-tisjir li huma omosesswali. L-omosesswalità saret ukoll suġġett ta' diskussjoni popolari permezz tal-programmi ta' diskussjoni fuq it-TV, ewlenin fosthom Xarabank.



Madankollu ftit ħafna huma dawk il-persuni magħrufin li b'mod miftuħ jiddikjaraw l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Forsi n-normalità ma titlobx li xi ħadd joqgħod ixandar x'inhu, bħalma persuna eterosesswali ma toqgħodx tgħid li hi raġel jew mara.

Iżda dan 'in-nuqqas' jista' jkun riflessjoni tal-kultura tan-nagħma fejn nafu li l-affarijiet qed jiġru imma nippreferu nemmnu mod ieħor daqslikieku s-soċjetà ma tinbidilx.

Il-verità hi li fuq livell familjari l-omosesswalità għadha tabù u anki jekk il-ġenituri jaslu biex jaċċettaw li uliedhom huma omosesswali jew lesbjani joqogħdu ħafna attenti kif jitkellmu dwar is-suġġett.

Gaby Calleja, il-koordinatriċi tal-Moviment għad-Drittijiet ta' l-Omosesswali (MGRM), tisħaq fuq l-importanza li persuni magħrufin joħorġu fil-pubbliku dwar l-orjentazzjoni sesswali tagħhom għax ikunu qed jgħinu lil ħaddieħor li jinsabu f'diffikultà.

"Jidher li hemm riskji assoċjati mal-fatt li tgħid li int gay u għalhekk insibu ħafna personalitajiet li lesti jgħinu minn taħt mingħajr ma jidhru. Nemmnu li hu importanti li nies fit-TV, fl-ispettaklu, fil-politika u f'oqsma oħra tal-ħajja jiddikjaraw l-orjentazzjoni tagħhom għax b'hekk ikunu qed jgħinu lil ħaddieħor li qed isibha diffiċli ħafna biex jikkomunika dak li qed iħoss ma' qrabatu jew il-ħbieb," issostni Calleja.

Tikkonferma li hi n-norma fil-familja li l-ġenituri jkunu jafu li binhom jew binthom huma gay iżda qatt ma ssir diskussjoni miftuħa. Hi forma ta' tolleranza nieqsa mid-dinjità sħiħa li għandu jgawdi l-persuna.

"Ftit tolleranza aħjar minn konfrontazzjoni fejn il-ġenituri litteralment jiċħdu lil uliedhom gay kif ġieli kellna. Iżda xorta mhix sitwazzjoni ideali, kemm għall-persuna li trid iżżomm mistura parti minn ħajjitha u anki għall-familja għax ma tinħoloqx relazzjoni sħiħa bejn il-ġenituri u l-ulied," tgħid Calleja.

Il-koordinatriċi temmen li l-kultura Maltija toħloq problema biex persuni gay jgħixu b'mod sħiħ l-orjentazzjoni tagħhom.

"Hemm żewġ fatturi prinċipali għal dan. Kif tħares il-Knisja lejn l-omosesswali qisna xi persuni difettużi u ma tgħinx biex jinbidlu l-affarijiet. Il-Knisja trid tieqaf tinsinwa li l-omosesswalità hi għażla għax hi identità. Triq tieqaf issostni li jkun ta' dannu għat-tfal jekk żewġ persuni omosesswali jrabbu flimkien. Wara kollox ħadd ma jgħid li omm mhux miżżewġa ma tistax trabbi.

"It-tieni problema hi l-omofobija istituzzjonalizzata. Għadu diffiċli fiż-żmien tal-lum li persuna gay ikun għalliem u b'mod miftuħ jiddikjara l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Persuna li tixtieq 'toħroġ' u tesprimi l-identità vera tagħha ssib diffikultajiet kbar. Bħala moviment insibuha diffiċli biex insibu finanzjament u fl-iskejjel, minkejja li l-kurrikulu minimu nazzjonali jitkellem dwar il-ħtieġa li l-orjentazzjoni sesswali tkun esplorata bħala identità alternattiva, għadu jiddependi wisq fuq l-għalliem individwali dwar jekk u kif isir it-tagħlim."

Calleja tgħid li l-Gvern m'għandu l-ebda kampanja ta' għarfien biex ikunu miġġielda l-preġudizzji. "Nemmen li s-soċjetà ta' 20 sena oħra se tkun inbidlet imma nixtieq nara dik il-bidla sseħħ iktar malajr u l-Gvern għandu jgħin biex jiġri dan," issostni Calleja.

Fuq livell ta' liġijiet l-MGRM jixtieq jara żewġ żviluppi. Il-moviment irid li l-Istat jagħti xi tip ta' rikonoxximent lir-rabta ta' koppja gay li tmur lil hinn minn sempliċiment għarfien tad-drittijiet individwali tal-persuni.

"Liġi bħal din tagħtina ċerti drittijiet li bħala koppja stabbli li ngħixu flimkien ma ngawdux. Ħafna drabi llum qed inġorru l-obbligi mingħajr id-drittijiet," tgħid Calleja.

It-tieni żvilupp leġislattiv li jixtieq jara l-MGRM hu li persuni transesswali jkollhom id-dritt jibdlu d-dettalji fuq il-karta ta' l-identità anki qabel ma jagħmlu l-operazzjoni.

"Dan jgħin biex ikunu evitati sitwazzjonijiet imbarazzanti għal persuni transesswali meta jkollhom bżonn juru l-karta ta' l-identità. Iżda fil-każ ta' persuni trans nixtiequ naraw ukoll bidla fil-politika tad-Dipartiment tas-Saħħa biex l-operazzjoni li jkollhom jagħmlu dawn il-persuni tkun offruta wkoll bħala parti mis-servizz tas-saħħa pubbliku."

Calleja ma ddurx mal-lewża u temmen li l-komunità gay mhix tagħmel biżżejjed biex ittejjeb is-sitwazzjoni.

"Teżisti ċerta apatija fost persuni gay biex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom fil-miftuħ u jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. U minn meta dħalna fl-UE qed naraw fenomenu ġdid, dik ta' persuni omosesswali li jitilqu minn Malta għax jemmnu li jistgħu jqattgħu ħajja iktar faċli mas-sieħeb jew sieħba tagħhom f'pajjiżi oħra Ewropej."

Kollox jindika li biex tgħix fid-dinja r-roża f'Malta ta' l-2007 għadu diffiċli minkejja li l-kampanja Brand Malta tiċċelebra d-diversità biex niġbdu t-turisti.

## X'jgħidu l-partiti politiċi




L-ebda partit politiku f'Malta m'għandu fuq l-aġenda tiegħu l-legalizzazzjoni taż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess u l-ftit sforz li qed isir biex ikunu rikonoxxuti d-drittijiet u l-obbligi ta' koppji omosesswali qed jagħmluh il-Partit Laburista u, l-iktar, l-Alternattiva Demokratika.

### Partit Nazzjonalista

Kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ta' koppji omosesswali għadhom tabù għall-PN.

Il-proposta li kienet saret fil-manifest elettorali ta' l-1998, u li baqgħet fuq l-ixkaffa, biex ikunu rikonoxxuti d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni li jikkoabitaw ma kenitx titkellem fuq koppji ta' l-istess sess.

Minkejja l-enfasi tal-PN fuq il-familja sal-lum m'għandux politika dwar familji magħmula minn koppji omosesswali. Kien biss fl-aħħar Kunsill Ġenerali, fil-workshop dwar il-familja, li ssemma' l-bżonn li tallinqas ikunu rikonoxxuti d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni gay li qegħdin f'relazzjoni. Iżda din hi biss rakkomandazzjoni li għad trid tgħaddi mill-ingranaġġi kollha tal-Partit.

L-iskumdità tal-PN fil-konfront ta' persuni omosesswali kienet ħarġet fil-beraħ meta fl-2003 il-Ministru tal-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, Lawrence Gonzi, kien ippilota l-liġi l-ġdida dwar ir-relazzjonijiet industrijali. Kien biss wara li l-Kummissjoni Ewropea ġibdet widnejn il-Gvern Malti wara l-isħubija fl-2004 li b'avviż legali l-Gvern kien daħħal fil-liġi tax-xogħol referenza speċifika kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali.

### Partit Laburista

Il-Partit Laburista, fil-politika aġġornata dwar il-familja ippilotata minn Marie-Louise Coleiro Preca, għamel qabża 'l quddiem f'dak li għandu x'jaqsam id-drittijiet ċivili ta' koppji omosesswali anki jekk hu 'l bogħod mill-mudelli iktar progressivi addottati fi Spanja, fl-Ingilterra u fil-pajjiżi Skandinavi.

L-MLP ma jaqbilx maż-żwieġ bejn koppji ta' l-istess sess iżda jemmen li d-definizzjoni ta' familja għandha titwessa' biex ix-xibka soċjali ma tħallix li jaqgħu lura forom ġodda ta' familji li jinkludu wkoll dawk magħmula minn koppji omosesswali.

Għalhekk l-MLP lest jirrikonoxxi d-drittijiet individwali tal-persuni gay li jiffurmaw il-koppja mingħajr ma jagħti għarfien ċivili lir-relazzjoni nfisha. B'hekk il-persuni jkollhom id-drittijiet u l-obbligi mnaqqxin fil-Liġi biex jekk ikun hemm mewt, jew il-koppja tisfaxxa, il-parti l-oħra ma tibqax lampa stampa.

L-MLP għamilha ċara wkoll li ma jaqbilx ma' l-addozzjoni tat-tfal minn koppji omosesswali iżda waħda mir-raġunijiet li ġab għalfejn hemm bżonn li titwessa' d-definizzjoni ta' familja hi biex it-tfal naturali ta' waħda mill-partijiet f'relazzjoni omosesswali jkollhom ukoll il-protezzjoni tal-Liġi bħall-bqija tat-tfal.

### Alternattiva Demokratika

Iż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess mhux fuq l-aġenda tal-Ħodor iżda jemmnu li l-Istat għandu jagħti d-dritt ta' unjoni ċivili lil koppji omosesswali u lesbjani li permezz tiegħu jgawdu l-istess drittijiet ta' koppji oħra rikonoxxuti mill-Istat. B'differenza mill-Partit Laburista dan ifisser li l-AD qed tirrikonoxxi r-rabta bejn il-koppja gay u d-drittijiet tagħhom flimkien u mhux biss id-drittijiet individwali tal-persuni.

Il-Ħodor jemmnu li koppji gay għandhom igawdu mill-istess drittijiet soċjali u legali li japplikaw għal koppji eterosesswali u koppji oħra li jgħixu flimkien. Fost id-drittijiet li titkellem dwarhom l-AD hemm dawk tal-housing soċjali, il-komputazzjoni komuni tat-taxxa, wirt u pensjoni f'każ ta' mewt u l-obbligu ta' manteniment f'każ ta' separazzjoni.

L-AD ma taqbilx ma' l-addozzjoni tat-tfal minn koppji gay.

### Azzjoni Nazzjonali

Mid-dikjarazzjonijiet li saru s'issa mill-esponenti ta' dan il-partit ġdid jidher li hu partit omofobiku u li mhux lest jirrikonoxxi drittijiet lil koppji omosesswali iktar minn dak li diġà jipprovdu l-liġijiet ċivili eżistenti. Huma kontra l-addozzjoni tat-tfal minn koppji gay, kontra ż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess u jemmnu li l-qafas legali li għandna llum hu biżżejjed biex jipproteġi lill-partijiet f'relazzjoni f'każ ta' mewt jew separazzjoni.

## Liġijiet dwar żwieġ u koabitazzjoni fil-pajjiżi Ewropej

**Andorra**
Fl-2005 iddaħħlet il-koabitazzjoni reġistrata għal koppji li ilhom flimkien. Dan jgħodd ukoll għal koppji ta' l-istess sess. Koppji reġistrati jgawdu ħafna mid-drittijiet ta' koppji miżżewġa.

**L-Awstrija**
Koabitazzjoni mhux reġistrata fejn persuni ta' l-istess sess li jikkoabitaw igawdu mill-istess drittijiet ta' koppji eterosesswali.

**Il-Belġju**
Fl-2003 iddaħħal iż-żwieġ għall-koppji ta' l-istess sess li jgawdu mill-istess drittijiet ta' koppji eterosesswali miżżewġa. Il-Liġi iżda ma tagħtix dritt koppja gay miżżewġa biex taddotta u lanqas ma tirrikonoxxi responsabbiltà konġunta tal-ġenituri gay lejn it-tfal tagħhom.

**Il-Kroazja**
Fl-2003 iddaħħal il-kunċett ta' koabitazzjoni mhux reġistrata li applika wkoll għall-koppji ta' l-istess sess. Il-Liġi tirrikonoxxi biss żewġ drittijiet lill-koppja gay: id-dritt li jkollhom proprjetà flimkien u d-dritt għall-manteniment mill-konjuġi.

**Ir-Repubblika Ċeka**
F'Marzu 2006 iddaħħlet liġi li tippermetti r-reġistrazzjoni ta' koppji mhux miżżewġa li tapplika wkoll għal koppji ta' l-istess sess.

**Id-Danimarka**
Fl-1989 iddaħħal il-kunċett ta' koabitazzjoni reġistrata li tapplika għal koppji ta' l-istess sess. Il-liġi tagħti l-protezzjoni, ir-responsabbiltà u l-benefiċċji kollha taż-żwieġ lil koppji ta' l-istess sess. Sieħeb jew sieħba reġistrata tista' taddotta t-tfal tal-persuna l-oħra fil-koppja iżda koppja gay ma tistax taddotta tfal li mhumiex tagħha.

**Il-Finlandja**
Fl-2001 iddaħħlet ir-reġistrazzjoni għal koppji ta' l-istess sess li tagħti l-istess drittijiet u obbligi li jgawdu minnhom persuni miżżewġa. Il-kustodja flimkien tat-tfal hi permessa u l-Liġi tagħti wkoll dritt għall-immigrazzjoni lis-sieħeb jew sieħba li huma barra mill-pajjiż.

**Franza**
Koabitazzjoni mhux reġistrata tagħti ftit drittijiet lil koppji ta' l-istess sess f'dak li għandu x'jaqsam ma' proprjetà, immigrazzjoni u assigurazzjoni fuq is-saħħa. Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jistgħu jitgawdew biss wara li jgħaddu tliet snin minn meta tkun bdiet il-koabitazzjoni. Il-liġi ma tippermettix l-addozzjoni tat-tfal.

**Il-Ġermanja**
Koabitazzjoni reġistrata ddaħħlet fl-2000 u li tippermetti li koppji ta' l-istess sess igawdu minn drittijiet ta' suċċessjoni u eżenzjonijiet mit-taxxa bħal koppji miżżewġa. Il-Liġi tippermetti wkoll il-kustodja konġunta tat-tfal jekk parti fil-koppja diġà jkollha kustodja u tħalli li l-parti l-oħra taddotta t-tfal tas-sieħeb jew sieħba. Jekk is-sħubija tintemm permezz ta' dikjarazzjoni mill-Qorti l-Liġi tipprovdi wkoll għall-obbligu li jitħallas il-manteniment.

**L-Ungerija**
Koabitazzjoni mhux reġistrata ddaħħlet fl-1996 li tapplika wkoll għal koppji ta' l-istess sess. Il-liġi tagħti xi drittijiet u benefiċċji lil żewġ persuni li jgħixu flimkien u li għandhom relazzjoni iżda mhumiex benefiċċji awtomatiċi għax dak li jkun irid japplika għalihom.

**L-Islanda**
Il-koabitazzjoni reġistrata ddaħħlet fl-1996 u tagħti l-protezzjoni, ir-responsabbiltajiet u l-benefiċċji kollha taż-żwieġ lil koppji ta' l-istess sess. L-imsieħba reġistrati jistgħu jaddottaw it-tfal tal-persuna l-oħra fl-isħubija iżda mhux permess li koppja gay taddotta tfal mhux tagħha.

**Il-Lussemburgu**
Fl-2004 iddaħħlet liġi li tippermetti r-reġistrazzjoni ta' koppji li jikkoabitaw. Il-Liġi tagħti l-istess drittijiet bħal dawk ta' koppji miżżewġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' benefiċċji soċjali u benefiċċji marbuta ma' tassazzjoni.

**L-Olanda**
L-Olanda ilha sa mill-1979 li tat xi drittijiet lil koppji ta' l-istess sess li jikkoabitaw. Iżda fl-2001 iddaħħal ukoll iż-żwieġ ċivili għal persuni ta' l-istess sess li jagħtihom l-istess drittijiet u obbligi daqs kwalunkwè koppja miżżewġa oħra. L-unika eċċezzjoni hi li koppja ta' l-istess sess ma tistax taddotta minn barra l-pajjiż.

**In-Norveġja**
Fl-1993 għaddiet il-liġi li tirrikonoxxi koppji reġistrati li jikkoabitaw. Koppji gay igawdu mill-istess protezzjoni, responsabbiltajiet u benefiċċji daqs il-miżżewġin inkluż arranġamenti għal meta r-relazzjoni tispiċċa.

**Il-Portugall**
Il-kunċett ta' koabitazzjoni mhux reġistrata ddaħħal fl-2001 li jagħti ċerti drittijiet lil koppji li jkunu ilhom jgħixu flimkien għal ta' l-inqas sentejn. Il-Liġi tapplika wkoll għal persuni ta' l-istess sess. Id-drittijiet huma limitati meta mqabbla mad-drittijiet li jgawdu koppji miżżewġa.

**L-Islovenja**
Fl-2005 iddaħħlet Liġi li tirregola relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess iżda d-drittijiet huma limitati għal proprjetà u l-obbligu finanzjarju fil-konfront tal-parti dgħajfa fir-relazzjoni. Il-Liġi ma toffri l-ebda drittijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà soċjali, assigurazzjoni fuq is-saħħa u drittijiet għall-pensjoni.

**Spanja**
Fl-2005 iż-żwieġ bid-drittijiet u l-obbligi kollha tiegħu nfetaħ ukoll għal koppji ta' l-istess sess li jistgħu wkoll jaddottaw it-tfal.

**L-Isvezja**
Fl-1994 iddaħħlet ir-reġistrazzjoni għal koppji ta' l-istess sess li tagħti l-istess protezzjoni, responsabbiltajiet u benefiċċji taż-żwieġ lil dawn il-koppji. Koppji gay jistgħu wkoll jaddottaw flimkien. Inbdiet ukoll diskussjoni fuq żwieġ għal koppji ta' l-istess sess.

**Ir-Renju Unit**
Fl-2005 koppji ta' l-istess sess setgħu jirreġistraw ir-relazzjoni tagħhom. Il-liġi tirrikonoxxi l-istess drittijiet bħal dawk taż-żwieġ bejn koppji eterosesswali.

**L-Isvizzera**
Mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena koppji ta' l-istess sess setgħu jirreġistraw is-sħubija tagħhom li tagħtihom l-istess drittijiet ta' koppji eterosesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' pensjonijiet, assigurazzjoni u tassazzjoni.

### Proposti leġislattivi

**L-Irlanda**
Fl-2005 inbdiet diskussjoni fil-Parlament fuq liġi li tirrikonoxxi s-sħubija ċivili bejn persuni mhux miżżewġa li tkun tapplika wkoll għal koppji ta' l-istess sess.

**L-Italja**
M'hemm l-ebda rikonoxximent għal koppji ta' l-istess sess iżda bħalissa għaddej dibattitu dwar liġi li toffri xi tip ta' drittijiet u obbligi lil koppji li jikkoabitaw inkluż dawk ta' l-istess sess.

**F'dawn il-pajjiż m'hemm l-ebda rikonoxximent legali għal koppja ta' l-istess sess:**
Albanija, Armenja, Azerbaijan, Bosnija u Herzegovina, Bulgarija, Ċipru, Estonja, Georgia, Greċja, Latvja, Liechtenstein, Litwanja, **Malta**, Moldova, Monaco, Polonja, Rumanija, Russja, San Marino, Serbja, Slovakja, Maċedonja, Turkija u Ukrajina.

